18

# Emmaus

A JOURNAL OF PHILOSOPHICAL, THEOLOGICAL, AND HUMANISTIC STUDIES

Paolo VI, il Concilio Vaticano II, il Governo della Chiesa 6

Il-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II
dwar ir-Rivelazzjoni Divina, *Dei Verbum*,
u l-iżviluppi tagħha fil-Knisja f'Malta sal-2006 31

Sexual Informed Consent in Adolescence
Psychological and Ethical Implications 55

Il-Maġisteru Miktub ta' Mons. Nikol Ġ, Cauchi dwar iż-Żgħażagħ 77

Każ Morali: L-edukazzjoni sesswali 161

Sacred Heart Seminary
Gozo - Malta

Academic Year
2017 - 2018

# Emmaus

A JOURNAL OF PHILOSOPHICAL, THEOLOGICAL, AND HUMANISTIC STUDIES,
published by the Sacred Heart Seminary - Gozo - Malta.
Founded 1999

**No. 18 (Academic Year 2017-2018)** **ISSN 1563-0137**

**Editorial Board:** Major Seminary Academic Council
(Anton Borg, Ignatius Borg, Richard-Nazzareno Farrugia,
George Frendo, Gabriel Gauci, Mario Mercieca, Joseph Sultana)

All correspondence to be addressed to:

The Editor
Emmaus
Sacred Heart Seminary
Victoria–Gozo
VCT 2042
MALTA.

Printed by Gozo Press • Gozo–Malta

© Sacred Heart Seminary, Gozo-Malta 2018

Paul Sciberras*

# Il-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II dwar ir-Rivelazzjoni Divina, Dei Verbum, u l-iżviluppi tagħha fil-Knisja f'Malta sal-2006

## Storja mqallba ta' dokument fundamentali

Il-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II, *Dei Verbum*, kellha storja mqallba ħafna, sakemm ġiet promulgata fit-18 ta' Novembru 1965. Nhar il-25 ta' Jannar 1959, il-Papa Ġwanni XXIII ħabbar ix-xewqa tiegħu li jlaqqa' Konċilju Ekumeniku, li jiċċelebra sinodu tad-Djoċesi ta' Ruma, u li jibda t-triq għal riforma tal-Kodiċi tal-Liġi tal-Knisja, id-Drittu Kanoniku. Din it-tħabbira għamilha fi tmiem il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda bejn l-Insara, fl-Abbazija ta' *San Paolo Fuoro le Mura*, f'Ruma, quddiem għadd ta' kardinali, li ma rreaġixxewx mill-ewwel għall-aħbar ta' programm daqstant kumpless u ambizzjuż għal Papa li ġie magħżul meta kellu 77 sena!

* **Rev. Dr Paul Sciberras** graduated S.Th.B. in 1986 from the Faculty of Theology at Tal-Virtù, Rabat, Malta, and S.Th.L. (with specialization in Pastoral Theology) in 1988 from the University of Malta. In 1992 he graduated S.S.L. from the Pontifical Biblical Institute, Rome and in 1994 declared Candidatus ad Doctoratum, after completing the preparatory year for the Doctorate in Scripture Sciences (S.S.D.). In 1995 he began lecturing at the Faculty of Theology of the University of Malta, Department of Sacred Scriptures, Hebrew and Greek, mainly in the NT areas (Synoptic Gospels, Pauline Letters and Acts of the Apostles, Language and Text of the NT, NT Exegesis at undergraduate and postgraduate levels). In 2011, Fr Sciberras obtained his Doctorate in Sacred Theology with a thesis summa cum laude on Mgr Prof. P. P. Saydon's version of 1 Thessalonians: An exegetical and translation-critical study. In September 2012, he was appointed Full-time lecturer and in October 2013, Head, Department of Sacred Scripture, Hebrew and Greek. Rev. Dr Sciberras is member of the Interdiocesan Theological Commission and the Commission for the Revision of the Bible in Maltese.

L-għażla tiegħu kienet tfisser għażla ta' Papa li ntagħżel propju biex ikun kardinal li kien ilu 'l bogħod mill-polemiċi teoloġiċi li kienu kkaratterizzaw il-pontifikat ta' Piju XII, l-aktar lejn tmiemu. Dawn il-polemiċi kienu jolqtu l-iktar 'il-Kurja Rumana, il-futur tat-teoloġija, l-eseġeżi tal-Iskrittura u t-teoloġija morali. Ta' min iżomm f'moħħu li meta Piju XII tebagħ l-enċiklika *Humani Generis* fit-12 ta' Awwissu 1950, it-teoloġi konservattivi kienu ħasbu li issa se jieqfu l-kitbiet favur riforma u tiġdid fil-Knisja. Dawn it-teoloġi kienu wkoll qegħdin iserrħu rashom li bl-enċiklika kien se jkun hemm tmexxija iktar influwenzata minn dak li kien is-Sant' Uffizzju (illum, il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi).

Allura l-aħbar ta' Konċilju Ekumeniku u r-riforma fil-Kodiċi kienet tfisser li lil dan il-kurrent ta' ħsieb seta' kien se jispiċċalu s-serħan il-moħħ li kien jittama, anke jekk fil-ftit ġimgħat li kien ilu Papa (elett fit-28 Ottubru 1958), Ġwanni XXIII kien diġà beda jagħti sinjali ta' bidliet radikali, saħansitra fil-Maġisteru tal-Knisja u tal-Papa nnifsu.

Diġà fil-fażi pre-preparatorja tal-Konċilju, meta bdew jinġabru l-*vota*, jew is-suġġerimenti dwar dak li l-Poplu kollu ta' Alla ried li jiġi diskuss fil-Konċilju, bdiet tinħass ċerta tensjoni bejn żewġ kurrenti ta' ħsieb: dak konservattiv, b'attidudni iktar ta' kundanni u difiża għall-Knisja u t-tagħlim tagħha, speċjalment kontra l-Moderniżmu, u min-naħal-oħra, dakiktar konċiljatorju u pastorali, mibni fuq l-Iskrittura, il-Missirijiet tal-Knisja u d-djalogu.[1]

Fil-fatt anke qabel beda jinbena d-dokument dwar ir-Rivelazzjoni divina, iż-żewġ kurrenti bdew jaħbtu ma' xulxin: dak aktarx konservattiv immexxi mill-Prefett tal-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju, il-Kardinal Alfredo Ottaviani, u l-ieħor mill-biblista li kien għadu kemm inħatar kardinal mill-Papa Ġwanni XXIII, u li kien konfessur tal-Papa Piju XII fl-aħħar 13-il sena, il-Ġiżwita Agostino Bea.[2] Bea kien bniedem li diġà kellu kuntatti sodi u profondi mal-Lhud u mal-Protestanti. Is-sens tad-djalogu kien imxappap fih il-Kardinal Bea.

1 Ara R. Burigana, *Dei Verbum. Per il 40°anniversario del Concilio Vaticano II. Testo integrale* (Casale Monferrato [AL]: Edizioni Piemme, 2002), 41.

2 Bea kien professur tal-eseġeżi tat-Testment il-Qadim u tal-Ispirazzjoni u l-Ermenewtika



Fil-mixja tad-diskussjonijiet, l-iskema tad-dokument ġiet riveduta għal kollox u ngħatat l-isem ta' *Dei Verbum*, il-Kelma ta' Alla, b'emfasi fuq is-suġġett ewlieni tar-rivelazzjoni, Alla nnifsu. Fid-19 ta' Ottubru 1965 il-Kummissjoni tar-reviżjoni reġgħet iltaqgħet għall-aħħar darba u, wara dibattitu mqanqal li fih Bea kien tassew protagonist li wieġeb għal kull oġġezzjoni, it-test ġie definittivament approvat.[3]

L-iskema, li issa kienet tibda bil-kelmiet *Dei Verbum*, intbagħtet fl-awla, fejn ġiet promulgata fit-18 ta' Novembru 1965.[4] Mhux biżżejjed: it-test kien hemm tentattivi biex jiġi xorta mibdul, anke bi traduzzjonijiet żbaljati![5] Imma issa kien daħal fid-dokumenti uffiċjali tal-Konċilju Vatikan II. Nistgħu ngħidu li l-Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* hija dokument li jippromwovi aġġornament veru dottrinali u pastorali, mimli b'tama ġdida u friska.[6]

## Il-Konċilju Vatikan II u t-twettiq tiegħu

L-Eċċellenza Tiegħu, Mons. Ġużeppi Mercieca, ġie maħtur Arċisqof Metropolita ta' Malta fit-12 ta' Diċembru 1976. L-episkopat tiegħu kellu jkompli bl-implimentazzjoni tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, li fl-Arċidjoċesi ta' Malta immatura tul is-snin u laħaq il-qofol tiegħu fis-Sinodu Djoċesan. Kien diġà sar ħafna xogħol fid-djoċesi, l-aktar f' dawk li huma traduzzjonijiet tat-testi tal-Bibbja biex jintużaw fil-liturġija. Irridu ngħidu li Mons. Mercieca mill-1948 sal-1952, meta ġie ordnat saċerdot, kien qiegħed jistudja Ruma, fl-Università Gregorjana. Patri Agostino Bea, li semmejna qabel, kien professur tal-Iskrittura fl-Istitut Bibliku u fl-Università Gregorjana. Ma jistax ikun li ma kienx jgħaddi lill-istudenti tiegħu l-frott min-nixxiegħa tal-mentalità

tal-Iskrittura fl-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma, immexxi mill-Ġiżwiti, bejn l-1924 u l-1949, u rettur tal-istess Istitut mill-1930 sal-1949: ara *Le persone del Biblico. Autorità, professori e studenti* (1909 - 2009) (Roma: Associazione Ex-alunni/e PIB – PIB, 2009), 7.11

3 Ara Burigana, *Dei Verbum*, 57.

4 Għall-istorja sħiħa ta' din il-fażi tad-Dei Verbum, ara R. Burigana, *La Bibbia nel Concilio. La redazione della costituzione «Dei Verbum» del Vaticano II* (Bologna: Il Mulino, 1998), 307-339.

5 Ara Burigana, *Dei Verbum*, 57; Burigana, *La Bibbia nel Concilio*, 432-434.

6 Ara L. A. Gallo, *L'eredità pastorale del Vaticano II* (Leumann [TO]: Elledici 2006), 23-29.

ekumenika u miftuħa tiegħu.[7] Fit-2 ta' Diċembru 2006 ġiet imħabbra n-nomina bħala Arċisqof ta' Malta ta' Mons. Pawlu Cremona OP. Dan l-artiklu għandu l-għan li jagħti l-laqtiet l-aktar importanti tal-Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum*, u kif seħħew l-iżviluppi tagħha fl-Arċidjoċesi ta' Malta fi żmien l-Episkopat ta' Mons. Mercieca, l-aktar fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' dawn l-iżviluppi.

## Kapitlu innovattiv fid-*Dei Verbum*

Minħabba n-natura pastorali tiegħu — l-aħħar kapitlu tad-dokument dwar ir-rivelazzjoni ta' Alla u minn Alla jqiegħed u jingasta l-Iskrittura fil-ħajja tal-Knisja — kellu l-ikbar impatt fuq il-ħajja tad-djoċesijiet madwar id-dinja Kattolika. B'mod li aktarx ħasad lil ħafna Kattoliċi, id-*Dei Verbum* tgħallem li "Il-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa kif tat lill-istess Ġisem tal-Mulej billi qatt ma naqset, l-aktar fil-liturġija mqaddsa, li tieħu l-għixien bil-ħobż tal-ħajja mill-mejda tal-kelma ta' Alla u tal-Ġisem ta' Kristu, u tagħtih lill-fidili" (# 21).

Din l-ewwel sentenza tal-aħħar kapitlu fid-*Dei Verbum* ta' min jiżinha sewwa. L-ewwel ma jgħid id-dokument hu li għall-Knisja ma tgħaddi l-ebda differenza fil-qima li tagħti lill-Ġisem tal-Mulej u l-qima li tagħti lill-Iskrittura Mqaddsa. It-test oriġinali bil-Latin ta' *Dei Verbum* juża l-kliem "*Divinas Scripturas* sicut et *ipsum Corpus dominicum*". Bl-espressjoni *sicut et* (bl-istess mod) il-Konċilju jrid iqiegħed fuq l-istess livell eżatt l-Ewkaristija u l-Kelma ta' Alla: "Il-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa kif tagħti lill-istess Ġisem tal-Mulej". Il-Knisja tagħti l-istess qima! Għall-Knisja, il-Kelma ta' Alla u l-Ewkaristija jistħoqqilhom l-istess qima.

Id-dokument jerġa' jorbot flimkien it-Tradizzjoni tal-Knisja mal-Kelma ta' Alla miktuba bħala mezzi għas-salvazzjoni tagħna. Il-paragrafu 21 ikompli: "Flimkien mat-Tradizzjoni Mqaddsa, il-Knisja dejjem żammet u żżomm il-

[7] Ara C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa Fi Kristu. Ġużeppi Mercieca: memorji* (Malta: Klabb Kotba Maltin,) 2014, 11-13.



Kotba Mqaddsa bħala r-regola ewlenija tal-fidi tagħha; ispirati kif inhuma minn Alla, huma miktuba darba għal dejjem, jgħallmu bla tibdil il-Kelma ta' Alla nnifsu u jsemmgħu fi kliem il-profeti u l-appostli l-leħen tal-Ispirtu s-Santu." Fuq kollox, jgħid id-dokument, dakli naqraw fil-Bibbja huwa l-leħen tal-Ispirtu s-Santu. Jekk irridu nisimgħu minn xi ħadd jew minn xi mkien kif inkunu tassew ulied maħbuba ta' Alla l-Missier, irridu nisimgħu lil dak li kiteb il-Kelma ta' Alla nnifsiha: l-Ispirtu s-Santu, li jonfoħ in-nifs ta' Alla fil-kliem uman tal-awturi tal-Bibbja.

Dan jesprimih Mons. Mercieca fil-messaġġ tiegħu fl-okkazjoni tal-pubblikazzjoni tat-Tieni Edizzjoni tal-Bibbja bil-Malti mill-Għaqda Biblika Maltija fil-5 ta' Settembru 1996. Jikteb hekk Mons. Mercieca: "Il-Bibbja għandha post importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja. Hija l-Ktieb tal-Knisja. Permezz tagħha, il-Knisja tgħallem il-veritajiet ta' Alla lil uliedha."[8]

Fl-Ittra Pastorali tat-2 ta' Frar 1994, bis-suġġett ta' "L-importanza tal-Kotba Mqaddsa", Mons. Mercieca jgħid hekk lill-Insara Maltin: "Fi żmienna, aktar minn qabel, il-Bibbja qed tidher li hi tassew il-Ktieb tal-Knisja u l-Ktieb tal-membri kollha tagħha. Iċ-ċirkostanzi pożittivi ta' llum [...] qegħdin jgħinu biex il-Bibbja tasal f'idejn kulħadd".[9]

Il-Bibbja, id-*Dei Verbum* issejħilha l-laqgħa u d-diskursata ta' Alla Missier ma' wliedu:

> Jeħtieġ mela li l-predikazzjoni kollha tal-Knisja, bħar-reliġjon nisranija nnifisha, tieħu l-ikel tagħha u tkun regolata mill-Iskrittura Mqaddsa. Għax fil-Kotba Mqaddsa l-Missier li hu fis-smewwiet jiltaqa' b'imħabba kbira ma' wliedu u jidħol f'konservazzjoni magħhom; fil-kelma ta' Alla, mbagħad, jinsabu saħħa u qawwa hekk kbar li hija żżomm lill-Knisja u tagħtiha enerġija; u għall-ulied tal-Knisja hija qawwa tal-fidi, ikel tar-ruħ, għajn safja li ma tonqosx ta' ħajja spiritwali (#21).

[8] *Minn fomm ir-Ragħaj*: 1996 (Malta: Klabb Qari Nisrani, [s.d.]), 71.

[9] "Ittra Pastorali: L-Importanza tal-Kotba Mqaddsa", fi *Minn fomm ir-Ragħaj*: 1994 (Malta: Klabb Qari Nisrani, 1995), 19.

Mons. Mercieca jagħmilha tiegħu sewwa din il-karatteristika tal-Bibbja meta fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tat-Tieni Edizzjoni tal-Bibbja bil-Malti mill-Għaqda Biblika Maltija jikteb li:

> L-Iskrittura hija għażiża għalina lkoll. Hija tirrappreżenta wieħed mill-akbar teżori li jaqsmu bejniethom il-bnedmin ta' kull żmien. Fl-Iskrittura Mqaddsa u fl-azzjoni tal-ħniena divina li hija tirrakkonta, Alla Missierna, fl-imħabba bla tarf tiegħu jdur lejna bħala wliedu u jgħix fostna. Il-Bibbja hija mqaddsa għaliex fil-kelma ispirata u li ma tinbidilx tagħha, jgħix leħen l-Ispirtu s-Santu. Dan il-leħen, aħna nistgħu nisimgħuh. Huwa leħen li fil-Knisja jidwi bla heda, seklu wara l-ieħor, ġenerazzjoni wara l-oħra.[10]

## Il-Bibbja f'idejn il-lajċi

Il-Knisja spiss ħasset il-bżonn li tinkuraġġixxi lill-fidili kollha jsiru iżjed midħla tal-Iskrittura, anke jekk bi prudenza. Diġà *Divino Afflante Spiritu*[11] tgħid:

> Il-Knisja tagħmel ħilitha biex tippromwovi fost il-fidili – u tagħmilha iżjed faċli bil-qawwa kollha tagħha – id-drawwa ta' min ifaħħarha tassew ta' qari u meditazzjoni tal-Evanġelji. Ta' min iħeġġeġ lill-fidili kollha biex jippereseveraw f'din l-inizjattiva, u tikkunsidraha bħala inizjattiva l-iktar utli, u li taqbel tant maż-żminijiet ta' llum. Tqis din l-inizjattiva bħala mod ieħor biex ixxejjen l-idea li l-Knisja hija kontra jew b'xi mod tfixkel il-qari tal-Iskrittura bil-lingwa tal-post (#9).

Fil-fatt, Mons. Mercieca jtenni l-bżonn ta' traduzzjoni tal-Bibbja għall-Malti fil-messaġġ tiegħu fl-okkazjoni tal-pubblikazzjoni tat-Tieni Edizzjoni tal-Bibbja bil-Malti mill-Għaqda Biblika Maltija: "It-traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja fl-ilsien tiegħu [*tal-Poplu Malti*], għen biex il-familji tagħna jersqu iktar lejn il-Kotba Mqaddsa. Għen ukoll biex il-poplu tagħna jikseb frott spiritwali ferm akbar mit-

---

[10] *Minn fomm ir-Ragħaj*: 1996, 73.

[11] Maħruġa mill-Papa Piju XII fit-30 ta' Settembru 1943, festa ta' San Glormu, Duttur tal-Knisja u benefattur kbir tal-Kristjanità fix-xogħol kbir li għamel fit-traduzzjoni tal-Bibbja għal-Latin tal-Vulgata u għall-kummentarji tiegħu fuq ħafna mill-kotba tal-Bibbja. L-Enċiklika kienet maħsuba biex tippromwovi l-istudji Bibliċi, u nħarġet fil-ħamsin anniversarju tal-Enċiklika Biblika l-oħra *Providentissimus Deus* tal-Papa Ljun XIII, maħruġa fit-18 ta' Novembru 1893.



tagħlim ta' l-Iskrittura, fiċ-ċelebrazzjoniji tal-liturġija, fit-talb u fil-meditazzjoni privata".[12] *Dei Verbum* kienet diġà ħejjiet dawn il-passi: Għax jekk "fil-Kotba Mqaddsa l-Missier li hu fis-smewwiet jiltaqa' b'imħabba kbira ma' wliedu u jidħol f'konversazzjoni magħhom" (#21), jeħtieġ li l-insara kollha jkollhom il-possibiltà li jaqraw, jirriflettu fuqha u jitolbu bl-Iskrittura. Allura *Dei Verbum* tgħid: "Jeħtieġ li l-insara jkunu jistgħu jersqu b'ħeffa lejn l-Iskrittura Mqaddsa" (#22).

## Il-ħtieġa ta' traduzzjonijiet tal-Bibbja

Mhux kulħadd jista' jaqra l-Bibbja fil-lingwi oriġinali li bihom inkitbet; kemm Insara jafu l-Lhudi, l-Aramajk u l-Grieg? U kemm hemm min jista' jistudja l-Bibbja fil-fond? Din hi r-raġuni għaliex sa minn kmieni l-Knisja ħasset il-bżonn li jkollha l-Bibbja bil-lingwi li l-Poplu ta' Alla seta' jifhem iktar għax huma l-lingwi tiegħu. Sa minn mitejn sena Q.K., it-Testment il-Qadim bil-Lhudi inqaleb għall-Grieg, il-lingwa l-iktar mitkellma mad-dinja, u din it-traduzzjoni ġiet imsejħa t-traduzzjoni tas-Sebgħin, jew is-Septwaġinta. Il-Papa San Damasu I, qrib is-sena 380, ħajjar lil San Ġlormu biex jaqleb l-Iskrittura mil-lingwi oriġinali għal-Latin, traduzzjoni li saret magħrufa bħala l-*Vulgata* (il-lingwa komuni), li kienet it-test tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika għal sittax-il seklu.

*Dei Verbum* tagħmel *statement* b'ħafna sens:

> Imma billi l-kelma ta' Alla għandha tkun għal idejn kulħadd u f'kull żmien, il-Knisja tieħu ħsieb, b'ħerqa ta' omm, li jsiru traduzzjonijiet xierqa u tajbin fl-ilsna differenti, u l-aktar mit-testi oriġinali tal-Kotba Mqaddsa. U jekk dawn, fil-waqt tajjeb u bil-kunsens tal-awtorità tal-Knisja, isiru b'ħidma waħda flimkien mal-aħwa mifrudin, jistgħu jintużaw mill-insara kollha (#22).

Dan għaliex huma ftit li jistgħu jagħmlu studji profondi u speċjalizzati f'universitajiet u ċentri ta' speċjalizzazzjoni fl-istudju tal-Bibbja. Ftit huma dawk li għandhom iċ-ċans li jistudjaw ħafna lingwi, kemm tal-Bibbja, bħal-Lhudi, l-Aramajk, il-Grieg, il-Latin, l-Għarbi, u oħrajn, u kemm lingwi moderni biex

---

[12] *Minn fomm ir-ragħaj: 1996*, 71.

ikunu jistgħu jżommu ruħhom aġġornati ma' studju li jsir mad-dinja kollha, biex ikunu jistgħu jfissru l-Bibbja mil-lingwi li bihom inkitbet. Allura *Dei Verbum* tħeġġeġ li jsiru traduzzjonijiet mill-oriġinal għal-lingwi differenti tal-pajjiżi mad-dinja kollha.

Mons. Mercieca jfaħħar

> id-dedikazzjoni ta' dawk fost ulied il-Knisja, li huma msejħin biex jaqdu lil ħuthom f'dakli jeħtieġu biex jersqu bla tfixkil lejn il-Kotba Mqaddsa. Niżżu ħajr 'l Alla li f'Malta m'aħniex neqsin minn dan is-servizz importanti għall-ħajja tal-Knisja. Għandna l-Għaqda Biblika li bl-approvazzjoni tagħna tatna t-test sagru tal-Kotba mqaddsa b'ilsien il-poplu tagħna; tagħti wkoll kull xorta ta' għajnuna, bil-pubblikazzjonijiet u bil-korsijiet ta' tagħlim fuq il-Bibbja, biex nistgħu nifhmu aħjar il-messaġġ divin tagħha.[13]

Imma f'dan ir-rigward irridu nagħtu każ sewwa ta' dak li kien stqarr Mons. Prof. Karm Sant, f'intervista li ta lil Prof. Ġużè Aquilina. Sant kien qal li kull traduzzjoni Kattolika tal-Bibbja kellha tieħu in konsiderazzjoni l-*istandard* ta' litteriżmu tal-popolazzjoni. Sa ċertu punt, traduzzjoni fil-vernakular għal Malta ma kellha l-ebda użu, għax sa tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tal-għoxrin 23% biss tal-popolazzjoni kienu jafu jaqraw. Dawn it-23% kienu ġeneralment ġejjin mill-klassi li kienet iżżomm it-Taljan bħala l-lingwa tagħha. Aktar mal-poplu tgħallem jaqra u jikteb, iżjed bdew jinbtu traduzzjonijiet, u t-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti mxiet id f'id mal-iżvilupp tal-edukazzjoni popolari u l-progress tal-Malti bħala lingwa miktuba u letterarja. Qabel ma dan l-iżvilupp fuq żewġ fronti beda, ma kien hemm l-ebda użu għal traduzzjoni tal-Bibbja fil-vernakular.[14] Fil-Kwistjoni

---

[13] *Minn fomm ir-Ragħaj: 1994*, 19.

[14] C. Sant, *Mgr. Professor C. Sant, President of the Bible Society (Malta) (Meeting People)*, Part II, intervista minn Joseph Aquilina, f'*The Sunday Times of Malta* (17 ta' Novembru 1985), 19. Fl-artiklu tiegħu "History of the Maltese Bible," *Melita Theologica* 10 (1957): 1, Mons Prof. Pietru Pawl Saydon innifsu jgħid: "*For many long centuries, i.e. until the closing years of the eighteenth century, the Maltese language was never used for literary purposes, the languages of education being Latin and Italian. The earlier Maltese writers found enormous difficulty to reduce to some sort of Latin script a Semitic language which had many sounds that were absent in Romance languages. Moreover up to the beginning of the nineteenth century the education of the population was very poor. In the year 1836 there were only three Government Elementary schools: one in Valletta, the capital, another in Senglea and the third, very poorly attended, in Gozo, the sister Island, in all of which the instruction was of a meagre and wretched characters. As there*



**Stampa tal-Litteriżmu f'Malta (1800 – 1900)**

| | |
|---|---|
| *sal-1822* | inqas minn 10% kienu jafu jaqraw (u l-Bibbja kienet tinqara bit-Taljan jew bil-Latin) |
| *sa tmiem is-seklu 19* | 23% kienu jafu jaqraw (Saydon beda t-traduzzjoni tiegħu fl-1929) |

**Skont it-Rapport fuq l-*Advisability Compulsory Education***

| | |
|---|---|
| *1908-1916* | 43,000 tfal ħallew l-iskola elementari |
| *1914-1915* | 5,331 tfal ħallew l-iskola elementari |

**Skont iċ-Ċensiment tal-1891**

80% tal-irġiel bejn 45-50 ma kinux jafu jaqraw

85% tan-nisa bejn 45-50 kienu illitterati

*sal-1861* minn 134,055

inqas minn 6% (8,000) tal-irġiel kienu jafu jaqraw bit-Taljan

inqas minn 3% (4,000) tal-irġiel kienu jafu jaqraw l-Ingliż

= inqas minn 9% setgħu jaqraw bit-Taljan jew bl-Ingliż[15]

---

*were very few who could write and read Maltese, the need of a Maltese translation of the Bible was not yet felt.*"

[15] Ara C. Sant, *Mgr. Professor C. Sant, President of the Bible Society (Malta) (Meeting People)*, Part II, intervista minn Joseph Aquilina, fi *The Sunday Times of Malta* (17 ta' Novembru 1985) 19. Ara wkoll Paul Sciberras, *Mgr Prof. P.P. Saydon's version of 1 Thessalonians: an exegetical and translation-critical study* (Malta: L-Awtur, 2013), 77.

tal-Lingwa ried jasal il-perjodu bejn l-1880 – 1932 biex il-Malti jieħu postu bħala l-lingwa tal-Gżejjer Maltin.

Mons. Professur Pietru Pawl Saydon mill-1929-1959, u l-Għaqda Biblika Maltija, sa mit-traduzzjonijiet tal-qari fil-quddiesa u fil-liturġija sa mill-1964, u mbagħad bit-traduzzjoni tal-Bibbja sħiħa f'volum wieħed fl-1984, kienu l-ewlenin f'dan ix-xogħol tat-traduzzjoni tal-Bibbja mil-lingwi oriġinali għall-Malti. L-Għaqda Biblika ħarġet ukoll kummentarji bil-Malti u tagħmel korsijiet matul is-sena biex il-lajċi jkunu jistgħu jifhmu dejjem iżjed il-Bibbja. Bħall-Għaqda Biblika, hemm ukoll il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa, li barra l-missjoni speċifika li għandhom il-Patrijiet Franġiskani Minuri fl-Art Imqaddsa stess, jagħmlu korsijiet fuq il-Bibbja, joħorġu rivista u anke jorganizzaw pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa, li l-Papa Pawlu VI kien sejħilha l-Ħames Evanġelju.[16]

L-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, Mons. Ġużeppi Mercieca u Mons. Nikol Ġ. Cauchi, kienu kitbu hekk fil-preżentazzjoni tal-ewwel żewġ edizzjonijiet tal-Bibbja bil-Malti, maħruġa mill-Għaqda Biblika: "Ir-riformi li saru permezz tal-Konċilju Vatikan II ġiebu l-Iskrittura ħafna eqreb tal-poplu nisrani. Illum nisimgħu l-qari tal-Kelma t'Alla bil-lingwa li jifhimha kulħadd [...]".[17]

[16] Nafuh lill-Papa Pawlu VI, l-ewwel Papa li għamel pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa, iż-żwieġ kumplimentari bejn il-par espressjonijiet "storja tas-salvazzjoni" u "ġografija tas-salvazzjoni". Fl-1974, il-Papa Pawlu VI kien kiteb: *"It is of course true that Christianity is a universal religion, not tied to any one country, and that its followers 'worship the Father in spirit and truth' (cf. John 4:23). But it is also a religion based upon a historical revelation. Alongside the 'history of salvation' there exists a 'geography of salvation'. Thus the Holy Places possess the invaluable quality of providing faith with an indisputable support, as the Fifth Gospel, as it were, enabling the Christian to come into direct contact with the setting in which 'The Word became flesh and dwelt among us' (John 1:14)" (Nobis in animo,* 25 ta' Marzu 1974).

[17] *Il-Bibbja. Il-Kotba Mqaddsa miġjuba bil-Malti mill-ilsna oriġinali l-Lhudi u l-Grieg mill-Għaqda Biblika* (Malta: Għaqda Biblika – Media Centre, 1984), vii; *Il-Bibbja. Il-Kotba Mqaddsa miġjuba bil-Malti mill-ilsna oriġinali l-Lhudi u l-Grieg mill-Għaqda Biblika* (Malta: Għaqda Biblika Maltija, 1992), vii.



Fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tat-Tieni Edizzjoni tal-Bibbja bil-Malti f'volum wieħed mill-Għaqda Biblika Maltija, l-Arċisqof Mercieca kien qal hekk:

Il-Konċilju Vatikan II saħaq li l-Kelma ta' Alla għandha titwassal lill-membri tal-Knisja, huma min huma, b'lingwa li jifhimha kulħadd. B'riżultat, kull Knisja lokali bdiet tħabrek biex ikollha l-Bibbja tagħha bi lsien il-poplu u b'hekk taqdi aħjar il-ministeru tagħha fix-xandir tal-Kelma. Kien għalhekk mument ta' ferħ kbir għall-Knisja f'Malta dakinhar li, f'Marzu tal-1984, bit-tħabrik ta' l-Għaqda Biblika Maltija, il-poplu ta' Alla f'pajjiżna ngħatalu r-rigal sabiħ ta' traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja fl-ilsien tiegħu. Dan għen biex il-familji tagħna jersqu aktar lejn il-Kotba Mqaddsa. Għen ukoll biex il-poplu tagħna jikseb frott spiritwali ferm akbar mit-tagħlim ta' l-Iskrittura, fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, fit-talb u fil-meditazzjoni privata.[18]

## L-Iskrittura: ir-ruħ tat-teoloġija

Id-dokument *Dei Verbum* jinkuraġġixxi lilna l-Kattoliċi biex naqraw il-Bibbja. Imma mbagħad b'mod partikulari u speċjali jħeġġeġ lit-teoloġi u lilna s-saċerdoti biex insiru dejjem iżjed midħla tal-Bibbja, mhux biss biex nistudjawha, imma iżjed minn hekk biex inħallu lilna nfusna nkun ffurmati, magħġuna, mill-Kelma ta' Alla miktuba fil-Bibbja.

Il-paragrafu 24 jgħid:

L-Iskrittura Mqaddsa għandha l-kelma ta' Alla u, għax hija ispirata, hija tassew kelma ta' Alla; għalhekk l-istudju tal-Kotba Mqaddsa għandu jkun bħar-ruħ tat-teoloġija mqaddsa. Il-ministeru tal-kelma wkoll, jiġifieri l-predikazzjoni pastorali, il-katekiżmu u t-tagħlim nisrani kollu, li fih l-omelija liturġika għandu jkollha post priveleġġat, isib ikel tajjeb fil-kelma tal-Iskrittura u jissaħħaħ biha fil-qdusija.[19]

[18] *Minn fomm ir-Ragħaj: 1996*, 71.

[19] Għal tifsira iktar miftuħa tal-espressjoni "l-Iskrittura: ir-ruħ tat-teoloġija", ara J. A. Fitzmyer, *La Sacra Scrittura, anima della teologia* (Milano: Gribaudi, 1999), 77-123.

L-eżempju jkaxkar, jgħid il-Malti. Min hu iktar responsabbli tal-Poplu ta' Alla għandu jħoss iżjed responsabbiltà li l-ministeru kollu tiegħu jkun imsejjes fuq il-Kelma ta' Alla. U kif tista' tagħmlu dan mingħajr preparazzjoni xierqa, aġġornament meħtieġ, u riflessjoni?

## Is-Sinodu Djoċesan tal-Arċidjoċesi ta' Malta

Fis-Sinodu Djoċesan li ġie ċċelebrat bejn id-29 ta' Settembru 1999 u s-7 ta' Ġunju 2003,[20] saret riflessjoni u dixxerniment fit-tul fuq ix-xandir tal-Kelma u tal-messaġġ nisrani. Minn dan id-dixxerniment ħareġ id-dokument *Xandir tal-Kelma.*[21] Id-dokument sinodali "jitkellem fuq ix-xandir tal-Kelma fil-kuntest tal-ħajja tal-poplu Malti [...] Kull Knisja lokali trid tagħraf twassal il-Kelma fi sfond partikulari u speċifiku. Id-dokument għalhekk jisħaq fuq l-importanza li l-Kelma titwassal fl-ambjent tal-poplu Malti fil-kuntest storiku tiegħu."[22] Is-Sinodu jisħaq sewwa fuq il-fatt li "Il-Knisja f'Malta għandha tagħżel it-tagħlim bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha. Għal dan il-għan: hemm bżonn ta' koordinament bejn il-ħidmiet ta' xhieda u xandir li twettaq il-Knisja f'Malta, biex ix-xandir tal-Kelma jsir b'mod aġġornat u koordinat."[23]

Is-Sinodu tkellem ċar ħafna dwar il-post tal-omelija bħala "wieħed mill-mumenti speċjali tax-xandir tal-Kelma"[24]. Minħabba din il-ħtieġa, is-Sinodu jissuġġerixxi li "tingħata aktar formazzjoni dwar l-omelija u forom oħra tax-xandir tal-Kelma lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li jridu joffru ruħhom għal din il-ħidma".[25]

Mons. Arċisqof Mercieca jagħmel tiegħu din l-eżortazzjoni f'mument partikulari ħafna u li hu ta' piż kbir. Fl-omelija fiċ-ċelebrazzjoni tat-32

[20] Ara C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu*, 318.
[21] *Xandir tal-Kelma* (Malta: Arċidjoċesi ta' Malta, 2003).
[22] *Xandir tal-Kelma*, v.
[23] *Xandir tal-Kelma*, paragrafu 35, 34.
[24] *Xandir tal-Kelma*, paragrafu 17, 16.
[25] *Xandir tal-Kelma*, paragrafu 41, 37.



anniversarju episkopali tiegħu, fit-29 ta' Settembru 2006, Mons. Mercieca ħass li kellu jerġa' jitkellem dwar iċ-ċensiment tal-attendenza għall-Quddiesa tal-Ħadd li kien sar f'Novembru 2005[26]. Jgħid hekk f'dik l-omelija Mons. Mercieca: "Il Kelma ta' Alla għandha attwalità fiha nfisha. Il-kliem ta' Ġesù, tal-Appostli u wkoll dawk tal-Antik Testment huwa l-istess kliem li bih Alla għadu jkellimna. Id-dmir tar-rgħajja tal-erwieħ huwa li fl-omelija jgħinu biex din il-Kelma ta' Alla tidħol u tkun imlaħħma fil-kuntest li fih qed jgħixu l-bnedmin tal-lum."[27]

Fl-istess omelija, Mons. Mercieca jgħid li "Ix-xandir tal-Kelma ta' Alla hu impenn li s-saċerdot irid iwettaq b'dinjità u għaqal, biex juri 'l Kristu lill-oħrajn. Is-sid ta' din id-dinjità huwa Kristu, il-Feddej tal-Bniedem [...] Is-saċerdot hu msejjaħ biex jagħraf id-dinjità suprema ta' Dak li aħna nipproklamaw. Għaldaqstant, is-saċerdoti għandna l-obbligu li naqdu dan is-servizz b'mod xieraq."[28]

Għal dan il-għan ta' tħejjija partikulari tas-saċerdoti futuri, Mons. Mercieca, bħala Ragħaj u Għalliem ewlieni tad-djoċesi, "ħsibna f'kors apposta u li s-seminaristi jagħmlu provi anki b'evalwazzjoni ħalli jagħrfu joffru l-omelija bl-aħjar mod possibbli. Għal dawk li kienu saċerdoti diġà, sar seminar speċifikament fuq l-omelija."[29]

Għandha x'tgħidilna iżjed id-*Dei Verbum* lilna s-saċerdoti u lill-katekisti:

Għalhekk jeħtieġ li l-kjeriċi kollha u l-ewwel is-saċerdoti u dawk kollha, bħad-djakni u l-katekisti, li jagħtu ruħhom leġittimament għax-xogħol tal-Kelma,

[26] Ara C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu*, 323-327.
[27] C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu*, 329.
[28] C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu*, 330.
[29] C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu*, 331. Il-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta toffri wkoll *study-unit* obbligatorju lill-istudenti li jkunu jagħmlu l-kors tal-Liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali, li fil-maġġoranza tagħhom ikunu jew djakni jew saċerdoti novelli. F'dan l-*istudy-unit*, l-istudenti jidħlu fil-fond fl-elementi essenzjali u kreattivi fl-iżvilupp tal-predikazzjoni. Tingħata attenzjoni partikulari għall-aspetti kollha tal-preparazzjoni u tal-kompożizzjoni ta' kull parti tal-messaġġ. Ara http://www.um.edu.mt/theology/studyunit/PLC5810 għal deskrizzjoni sħiħa tal-*istudy-unit*.

għandhom iżommu rwieħhom dejjem magħqudin mal-Iskrittura permezz tal-qari qaddis ta' spiss u ta' studju tajjeb, li ma jsirx 'predikatur fieragħ tal-Kelma ta' Alla minn barra, dak li jismagħhiex minn ġewwa',[30] filwaqt li għandu jqassam lill-insara fdati lilu l-ġid bla tarf tal-kelma ta' Alla, l-aktar fil-Liturġija mqaddsa (#25).

Huwa paragrafu mill-aktar fundamentali, li fuqu jinbena dak kollu li hemm xi tgħid dwar il-post tal-Bibbja fil-ħajja tan-nisrani, il-paragrafu 38 tad-Dokument Sinodali *Xandir tal-Kelma*.

Għandha ssir ħidma fost il-Poplu ta' Alla, kif ukoll fost l-operaturi pastorali u dawk li qegħdin iħejju ruħhom għall-ministeri, biex jikber l-għarfien tal-Kotba Mqaddsa. Jekk dawn ser ikunu l-ispirazzjoni tal-ħajja nisranija f'Malta, allura hemm bżonn li l-Bibbja tkun il-ktieb tal-Poplu ta' Alla. Mhux biss, imma hemm bżonn studju xjentifiku u spiritwali li jkun aktar minn sempliċi pjetiżmu jew għarfien litterali tal-Kelma.

Fuq din il-premessa tinbena l-eżortazzjoni li tiġi fl-aħħar tal-paragrafu: "Importanti li l-bini tal-Poplu ta' Alla fuq għarfien tal-Kotba Mqaddsa jkun iċ-ċentru ta' kollox. B'dan qegħdin nagħrfu li l-Knisja hija wkoll imsejħa biex tisma' l-Kelma u tgħin fil-bini tal-Poplu ta' Alla."

## IL-BIBBJA BĦALA GĦAJN GĦAT-TALB TAGĦNA

Fil-Knisja r-reliġjużi għandhom post u missjoni speċjali, li ġejjin mill-vokazzjoni speċifika tagħhom. Allura *Dei Verbum*, paragrafu 25, tiddedika kliem speċjali u tħeġġiġ partikulari:

Il-Konċilju jħeġġeġ bil-qawwa u b'mod speċjali lir-reliġjużi biex jitgħallmu "il-qligħ kbir li hemm illi nagħraf lil Kristu Ġesù" (Fil 3,8) billi spiss jaqraw il-Kotba Mqaddsa. "Għax min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu[31]." Jersqu għalhekk bil-qalb lejn il-Kotba Mqaddsa sew fil-Liturġija mqaddsa mogħnija

[30] SANTU WISTIN, *Sermo* 179,1: PL 38:966.

[31] SAN ĠLORMU, *Commentarius In Isaiam Prophetam*, Prologu, 1-2: PL 24:17 .



bil-Kelma ta' Alla, sew permezz tal-qari devot, sew permezz ta' inizjattivi addattati għal dan l-iskop jew għajnuniet oħra li, bl-approvazzjoni u bl-appoġġ tal-isqfijiet, qegħdin illum, b'mod ta' min ifaħħru, joktru u jixterdu kullimkien. Imma għandhom jiftakru li fil-qari hemm taħdita bejn Alla u l-bniedem; għax "meta nitolbu, aħna nitkellmu miegħu; meta naqraw il-kelma ta' Alla, aħna nisimgħu lilu[32]."

F'dan il-kuntest, ir-reliġjużi qegħdin jiġu mħeġġa jkunu midħla tal-Bibbja biex tkun il-mod tat-talb u r-relazzjoni iżjed profonda tagħhom ma' Alla. Ma naħseb li hemm xejn xi jżomm lil kulħadd milli jagħmel dan: li jfittex u jsib fil-Kelma ta' Alla miktuba fil-Bibbja l-għajn għalih għat-talb, għad-diskursata tiegħu mal-Missier.

## U L-LAJĊI?

Il-paragrafu 25 ta' *Dei Verbum* ikellem b'attenzjoni partikulari fuqhom lill-fidili kollha, għax is-sehem tagħhom fid-dinja, li ma jistax ikun tas-saċerdoti jew tar-reliġjużi, jitlob li huma wkoll ikunu magħġuna permezz tal-Kelma ta' Alla. Allura jħeġġeġ lill-isqfijiet, bħala dawk responsabbli fid-djoċesijiet madwar id-dinja biex jipprovdu Bibbji bil-lingwi tal-post, flimkien ma' għajnuniet biex il-Bibbja tiftiehem aħjar. Jgħidilhom hekk il-Konċilju:

> Dawn għandhom ikunu mogħnija, b'mod suffiċjenti, bit-tifsir meħtieġ biex ulied il-Knisja jkunu jafu sewwa, mingħajr biża' u bi profitt, l-Iskrittura Mqaddsa, u jimtlew bl-ispirtu tagħha. Barra minn dan, għandhom jitlestew edizzjonijiet tal-Iskrittura Mqaddsa, mogħnija b'noti tajba, biex jistgħu jkunu użati wkoll minn dawk li mhumiex insara u addattati għall-kundizzjonijiet tagħhom. Kemm ir-Rgħajja tal-erwieħ, kemm l-insara ta' kull stat, għandhom ifittxu li jxerrduhom b'mod għaqli.

Għal dan il-għan, l-Għaqda Biblika Maltija ħadet ħsieb li tippublika edizzjonijiet tal-Bibbja bil-Malti mit-testi oriġinali hekk imsejħa

[32] SANT'AMBROĠ, *De officiis ministrorum* 1,20: PL 16:50.

"Interkonfessjonali". Minħabba li l-Kristjani mhux Kattoliċi ma għandhomx il-kotba kollha tal-Bibbja bħalma għandna aħna l-Kattoliċi, allura f'dawn iż-żewġ edizzjonijiet il-kotba msejħa Dewterokanoniċi inġabru għalihom. Dawn l-edizzjonijiet tal-Bibbja bil-Malti, saru skont il-Linji Gwida għat-traduzzjonijiet Interkonfessjonali maħruġa mill-Vatikan u l-United Bible Societies (l-għaqda mondjali li tiġbor fiha l-għaqdiet kollha tal-Bibbja tal-Knejjes kollha Kristjani): *Guiding Principles for Interconfessional Co-operation in Translating the Bible,* ippublikati mis-Segretarjat tal-Vatikan għall-Promozzjoni tal-Għaqda bejn l-Insara u l-United Bible Societies f'Ġunju tal-1968.[33]

## L-GĦAN U L-ĦIDMIET BIKRIJA TAL-GĦAQDA BIBLIKA MALTIJA

Mons. Ġużeppi Mercieca, bħala Arċisqof ta' Malta, ta s-sotenn tiegħu lill-Għaqda Biblika Maltija, anke għaliex hija l-Għaqda li ġiet magħrufa mill-Konferenza Episkopali Maltija bħala l-organu uffiċjali għal dak li għandha x'taqsam it-traduzzjoni tal-Bibbja mil-lingwi oriġinali għall-Malti.

Għandna rapport dettaljat tat-twaqqif tal-Għaqda Biblika Maltija mill-Kanonku Ġwakkin Schembri, f'artiklu bl-isem *Saydon, u ż-Żurrieq u Ħal Qormi*, fil-*Programm tal-Festa f'Ġieħ San Ġorġ Megalomartri 1996*, maħruġ mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici, bid-data tad-9 ta' April 1996.[34] Dun Ġwakkin jikteb li meta temm l-istudji tal-Liċenzjat fix-Xjenzi Bibliċi mill-Istitut Bibliku ta' Ruma, Saydon kien sejjaħlu biex, flimkien ma' Dun Karm Sant u xi oħrajn, iwaqqfu l-Għaqda Biblika Maltija, kif fil-fatt għamlu fil-Ħarifa tal-1958. F'rapport qasir, iffirmat *Floreat res biblica,* Schembri jikteb:

> Bil-laqgħa li saret ġot-Tijatru ta' l-Università, il-Belt, nhar il-Ħadd, 14 ta' Settembru, fid-9.30 a.m., twieldet uffiċjalment il-Għaqda Biblika Maltija, bil-Professur Saydon bħala l-ewwel President tagħha. L-imseħbin li nġabru hemm kienu jlaħħqu t-tmenin, fosthom saċerdoti, professjonisti, *teachers*, skrivani taċ-Ċivil, studenti universitarji, neguzjanti, ħaddiema, u xi soċji ta' xi wħud mill-għaqdiet kattoliċi lajċi tal-gżira – irġiel u nisa.

Dun Ġwakkin jagħti dettalji meħtieġa qatigħ fuq il-fundaturi u l-ewwel kumitat organizzattiv tal-Għaqda Biblika:

> Meta r-Rev. Dun Karm Sant ħabbar li l-Fundaturi tal-Għaqda ingħaqdu f'Kumitat Organizzattiv biex iħejju statut, programm ta' konferenzi, u ħwejjeġ oħra, l-imseħbin għaddew bejniethom vot unanimu ta' fiduċja sħiħa fihom:-
>
> | | |
> |---|---|
> | President: | Wisq Rev. Prof. P.P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., L.S.S.; |
> | Viċi-President: | Wisq Rev. Prof. S.M. Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.S.D.; |
> | Segretarju: | Rev. Dun Karm Sant, B.A., D.D., L.S.S.; |
> | Assistent Segretarju: | Sur Oliver Magri; |
> | Membri: | Rev. Patri Guido Schembri, O.F.M., S.Th.D., L.S.S.; Rev. Dun Ġwakkin Schembri, B.A., Lic.D., L.S.S."[35] |

Fil-*Leħen is-Sewwa* tas-Sibt, 11 ta' Diċembru 1965, Schembri jikteb: "*L-Għaqda Biblika Maltija* ġiet imwaqqfa f'Settembru ta' l-1958, grazzi għall-inizjattiva tal-Professur Saydon, Dun (illum Monsinjur Professur) Sant, u Dun Ġwakkin Schembri. L-istatuti tagħha ġew approvati mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta fit-22 ta' Diċembru ta' dik is-sena."[36] L-għan ta' din l-Għaqda l-ġdida kien li jippromwovi l-qari u l-istudju tal-Bibbja bi traduzzjonijiet għall-Malti, korsijiet, laqgħat u seminars, kitbiet u studji.

Wieħed mix-xogħolijiet bikrija tagħha kien li tgħin lil Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon jiddisponi mill-kopji li kien baqagħlu tat-traduzzjoni tiegħu, u mbagħad li tippublika t-tieni edizzjoni tal-Bibbja ta' Saydon f'volum wieħed. Fil-fatt, Saydon innifsu kien ipprova kemm-il darba jsib min jippubblikalu t-traduzzjoni tiegħu f'volum wieħed. Fil-11 ta' Frar 1965 intlaħaq ftehim ma' Saydon li l-Għaqda Biblika tidħol għal din il-biċċa xogħol. Kellu jkun hemm

[33] Ara d-daħla għat-Tielet Edizzjoni tal-Bibbja bil-Malti, edizzjoni interkonfessjonali, maħruġa mill-Għaqda Biblika Maltija fl-2004, vii-ix.

[34] Ara l-paġni 79 u 108 tal-imsemmija pubblikazzjoni.

[35] *Leħen is-Sewwa* (L-Erbgħa, 24 ta' Settembru 1958): 5.

[36] *Leħen is-Sewwa* (Is-Sibt, 11 ta' Diċembru 1965): 5. Għall-approvazzjoni tal-Istatuti tal-Għaqda, ara *Arkivji tal-Arċidjoċeżi ta' Malta fil-Kurja Arċiveskovili, il-Furjana, Atti Ċivili*, Vol. 260, 1958–1959, Prot. Numru 355/1958.

l-għajnuna finanzjarja tal-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nnifsu. Kopja ta' korrispondenza f'ittra bid-data tat-3 ta' Ġunju 1965 tgħid li s-Sur R. Hogg, direttur maniġerjali tal-Pubblikaturi Thomas Nelson ta' Londra, kiteb lis-Sur Abel Giglio, segretarju tal-Għaqda, u fiha ta dettalji tekniċi bħall-karattri tal-ittri speċjali tal-Malti li kellhom jintużaw, il-format, il-*layout*, id-daqs, l-istil tal-legatura. L-inizjattiva spiċċat fix-xejn minħabba raġunijiet li ma nafuhomx.[37]

Imbagħad fil-gazzetta taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, Il-*Ħaddiem*, tal-1 ta' Jannar 1968, ingħataw id-dettalji kollha tekniċi u kummerċjali minn ċertu J. Mifsud, direttur tal-*Malta Book Club Society*, li kellha tkun stampata l-Bibbja ta' Saydon f'volum wieħed ta' 1348 paġna, b'20 stampa bil-kulur, żewġ ritratti bil-kulur ukoll tal-Papa u tal-Arċisqof (minħabba l-għajnuna finanzjarja li għamel f'isem l-Arċidjoċesi) u messaġġ mill-Papa nnifsu, maqlub għall-Malti. Kellha tkun għall-bejgħ fi żmien tmien jew għaxar xhur, u li kienu stampati 10,000 kopja, li 2000 minnhom kienu diġà ordnati. Il-publikaturi kellhom ikunu Splichal tal-Belġju. X'ġara minn dan kollu ma nafux![38] Saydon imbagħad irtira l-permess biex it-traduzzjoni tiegħu tintuża għall-edizzjoni ġdida f'volum wieħed.

### It-traduzzjonijiet bil-Malti u r-Riforma Liturġika f'Malta

Bħala konsegwenza tar-riforma fil-liturġija li ried il-Konċilju Vatikan II, li kienet tinkludi l-użu tal-lingwa lokali fil-liturġija Kattolika, kien hemm qawmien ta' interess fl-Iskrittura. Il-poplu xtaq traduzzjoni ġdida tal-Bibbja f'Malti kurrenti. L-Għaqda Biblika Maltija ma kellha ebda għażla ħlief li tidħol għal dan ix-xogħol biex tissodisfa x-xewqa tan-nies u l-vojt fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

It-tabxa l-kbira nqalgħet meta t-traduzzjoni ta' Saydon, mitmuma fl-1959, l-unika waħda lesta u mill-ilsna oriġinali, ġiet biex tibda tintuża għall-qari

[37] Ara P. Sciberras, *Mgr Prof. P.P. Saydon's version of 1 Thessalonians*, 60.

[38] Ara P. Sciberras, *Mgr Prof. P.P. Saydon's version of 1 Thessalonians*, 77; C. Bezzina, *Saydon. Biblista u studjuż tal-Malti*, Malta 2006, 61.



pubbliku u fil-liturġija mar-Riforma tal-Konċilju Vatikan II, speċjalment bil-promulgazzjoni tad-dokumenti *Sacrosanctum Concilium* fuq il-liturġija, u *Dei Verbum* fuq ir-rivelazzjoni Divina. Il-vokabularju użat minn Saydon u l-ordni tas-sensil tal-kliem fis-sentenzi tiegħu ma ntlaqgħetx wisq mill-poplu. Saydon kellu f'moħħu li jagħmel traduzzjoni mirquma u professjonali, "litterali u letterarja". Letterali jiġifieri kemm jista' jkun kelma b'kelma mal-oriġinal, u letterarja jiġifieri li tagħti gost lil min jaqraha.[39] Evita bis-saħħa kollha li juża kliem ġejjin mit-Taljan, u fejn ma sabx ħoloq kliem hu minn kliem li diġà jeżisti fil-Malti skont ir-regoli tal-grammatika Maltija (ngħidu aħna, mill-kelma 'isfel', Saydon ħoloq l-aġġettiv 'siefel' u l-verb tat-Tieni Forma 'saffel'). Imma dan kien ifisser li kien hemm numru sewwa ta' kliem li ridt tieqaf waħda taħseb x'kien ifisser. Dun Karm Attard, li kien l-editur tal-edizzjoni tal-*Bibbja Saydon*, mitbugħa mis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, il- Museum, jgħid li Saydon għamel traduzzjoni għall-iskrivanija ta' min għandu ż-żmien jara dizzjunarji u grammatiċi waqt li qiegħed jaqra l-Bibbja bil-Malti.[40] Anke s-sintassi, jiġifieri d-damma tal-kliem waħda wara l-oħra biex jiffurmaw sentenza bis-sens, Saydon ħadha mis-Semitiku, u l-ilsna Semitiċi, bħalma hu l-Malti, jimxu fuq sintassi ta' verb, suġġett u oġġett (ngħidu aħna: "Ħalaq Alla s-sema u l-art" – Ġenesi 1:1), imma aħna nitkellmu b'sintassi ta' suġġett, verb u oġġett ("Alla ħalaq is-sema u l-art"). Biżżejjed ngħidu li Saydon innifsu, wara li ttraduċa l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, ħareġ dizzjunarju qasir biex fih ifisser 222 kelma tqila u xi kostruzzjonijiet ta' sentenzi li kellu fit-traduzzjoni tal-Bibbja tiegħu li kien laħaq għamel f'sentejn, sa dakiż-żmien.[41] Għall-ewwel, bdew jinbidlu xi kelmiet li ma kinux jintużaw fil-lingwa mitkellma (ngħidu aħna, deżert > barr; l-Ispirtu s-Santu > Ruħ il-Qodos), bil-permess ta' Saydon

[39] Ara P. P. Saydon, *Qlib il-Kotba Mqaddsa bil-Malti*, konferenza mogħtija fit-Teatru tal-Università, il-Belt Valletta, nhar it-2 ta' Mejju 1943, u mbagħad mitbugħa fi *Leħen il-Malti* 15, nru 170-172 (1945): 37-44. Ara wkoll Pietru Pawl Saydon, "History of the Maltese Bible," *Melita Theologica* 10 (1957): 15; Pietru Pawl Saydon, "The Maltese translation of the Bible," *Melita Theologica* 16 (1965): 3-6.

[40] Ara P. Sciberras, *Mgr Prof. P.P. Saydon's version of 1 Thessalonians*, 98. Ara wkoll C. Sant, *Fact and myth*, *fi Times of Malta* (22 ta' Ġunju 1977) 11; *Mons. P.P. Saydon u l-ħidma Biblika f'Malta*, fi Sijon 6 (1973) 7.

[41] *Tifsir il-kliem fil-kotba Ġenesi, Eżodu, Levitiku, Numri, Dewteronomju* (Malta: The Empire Press, 1931).

innifsu, imma mbagħad Saydon ra li kienu qed jibdlulu ħafna kliem, irreaġixxa b'mod iebes, u rtira l-permess.[42]

Il-biċċa kienet li kien hemm bżonn urġenti li jsiru t-traduzzjonijiet għall-qari fil-quddies u fil-bqija tal-liturġija malajr kemm jista' jkun, għax kienu se jibdew jintużaw immedjatament. Għalhekk, grupp ta' saċerdoti u reliġjużi studjużi tal-Bibbja bdew jaqilbu bla nifs it-testi li kien hemm bżonn skont il-liturġija, f'Malti iktar mitkellem, taħt it-tmexxija ta' Mons. Ġużeppi Lupi. Il-membri l-oħra kienu Mons. Prof. Karm Sant, P. Joseph Agius OP, Valent Barbara, P. Eġidju Mizzi OFMConv, P. Donat Spiteri OFMCap.

L-istampar u l-ippubblikar ta' dan ix-xogħol beda fl-1967 bil-pubblikazzjoni tal-ewwel testi liturġiċi; sa l-1976 it-testi liturġiċi bibliċi kollha, inklużi dawk tal-Liturġija tas-Sigħat, kienu ppubblikati. Kellhom raġun qatigħ l-Isqfijiet Mercieca u Cauchi jirringrazzjaw bil-kbir lil dawk li ħadmu bis-sħiħ biex jaqilbu l-Bibbja mill-ilsna oriġinali għall-Malti u jagħtuha lill-Poplu Malti miġbura għall-ewwel darba f'volum wieħed: "Għalhekk aħna bil-qalb kollha u b'sens ta' gratitudni għall-membri tal-Għaqda Biblika f'din il-Provinċja Tagħna Ekklesjali li daħlu għal din l-opra hekk importanti nirrikmandaw din it-traduzzjoni ġdida fl-ilsien tal-poplu Malti għal idejn kulħadd". [43]

Kien biss meta tlesta dak ix-xogħol kollu, li l-*Għaqda Biblika Maltija*, taħt it-tmexxija ta' student u ħabib kbir ta' Saydon innifsu, Mons. Prof. Karm Sant, fl-Assemblea Ġenerali tagħha tat-18 ta' Diċembru 1966 ħadet id-deċiżjoni li l-Għaqda Biblika kellha tidħol għall-biċċa xogħol kbira li taqleb il-Bibbja kollha mill-ilsna oriġinali għall-Malti mitkellem, biċċa xogħol li lestiet f'volum wieħed fl-1984, wara 17-il sena xogħol sfiq.

[42] "Min irid ikollu xi idea tar-reviżjoni li dawn il-kittieba jridu jista' jqabbel il-Vanġeli u San Pawl kif jinqraw fil-Missal u kif jinqraw fit-traduzzjoni tiegħi. Ruħ il-Qodos tkeċċa u floku daħal l-Ispirtu s-Santu ... u ħafna kliem ieħor ħa sura Taljana; il-barr sar deżert", "Il-Bibbja bil-Malti Saydon. Intervista mal-Professur Saydon," *L-Orizzont* (29 ta' Marzu 1967): 7.

[43] *Il-Kelma tal-Isqfijiet Maltin*, fl-Ewwel Edizzjoni ta' *Il-Bibbja. Il-Kotba Mqaddsa miġjuba bil-Malti mill-ilsna oriġinali l-Lhudi u l-Grieg mill-Għaqda Biblika* (Malta: Għaqda Biblika – Media Centre, 1984), vii; ara wkoll *Minn fomm ir-Ragħaj*: 1996, 71-73.



## Kummissjoni apposta għal din it-Traduzzjoni

Il-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Biblika tat-18 ta' Diċembru 1966 jgħidu li: "Minħabba l-impossibiltà li tiġi stampata mill-ġdid it-traduzzjoni diġà eżistenti tal-Bibbja bil-Malti [*dik ta' Saydon*], il-laqgħa ġenerali ta' l-Għaqda Biblika titlob li tiġi iffurmata Kummissjoni speċjali li tieħu ħsieb traduzzjoni ġdida tal-Bibbja bil-Malti mit-testi oriġinali".

Fil-kelmtejn ta' preżentazzjoni tal-Bibbja tal-1984, Mons. Prof. Sant, President tal-Għaqda, jikteb li l-membri tal-kummissjoni oriġinali kienu hu, bħala President, Rev. Antoine Said Pullicino (segretarju), Dun Ġwann Azzopardi, P. Valent Barbara OP, P. Edward Fenech OSA, P. Dionisju Mintoff OFM, P. Gwido Schembri OFM, Dun Ġwakkin Schembri, P. Donat Spiteri OFMCap, P. Mattew Sultana OFMCap, P. Marjanu Vella OFM. Il-Kummissjoni nkludiet ukoll diversi konsulenti f'diversi oqsma tat-traduzzjoni: P. Joseph Agius OP, is-Sur Victor Apap, Prof. Ġużè Aquilina, P. Franġisk Baldacchino OFMCap, P. Prospero Grech OSA, P. Egidju Mizzi OFMConv, P. Ġwann Vella SJ, Dr Ġorġ Zammit u P. Pietru Pawl Zerafa OP.

Maż-żmien din il-kummissjoni naqset għal erba' membri biss, jiġifieri, Mons. Karm Sant, P. Eġidju Mizzi, P. Donat Spiteri u P. Joe Agius OP.

## Kriterji jew linji gwida għat-traduzzjoni l-ġdida

Fl-ewwel sessjonijiet tagħha, il-kummissjoni stabbiliet ċerti prinċipji bażiċi li kellhom jiggwidawha f'ħidmietha. L-iżjed importanti kienu dawn: it-traduzzjoni kellha ssir mit-testi oriġinali skont l-aħħar edizzjonijiet kritiċi; il-lingwa wżata kellha tkun il-Malti modern, fil-vokabularju, struttura u stil, irfinat u mirqum skont il-prinċipji letterarji ta' traduzzjoni dinamika (mhux formali, bħalma kien uża Saydon). It-tradutturi kellhom jagħtu każ it-test oriġinali u l-qarrejja prospettivi. Dawn il-prinċipji kienu iżjed tard modifikati biex jikkonformaw mal-*Guiding Principles for Interconfessional Co-operation in Translating the Bible*, maħruġa mis-Segretarjat għall-Promozzjoni tal-Għaqda tal-Insara fl-1968.

## Pubblikazzjoni ta' partijiet mill-Bibbja bil-Malti

Biex tkompli tqarreb il-Bibbja lejn il-Poplu Malti, l-Għaqda Biblika fl-1971 ippubblikat l-Evanġelju skont San Mark, biċċa xogħol ekumenika bejn l-Għaqda Biblika u l-*United Bible Societies*. Fl-ewwel ħmistax inbiegħu 10,000 kopja. Il-Ktieb tas-Salmi (2000 kopja) ħareġ fl-1973; l-Evanġelji u l-Atti (2000 kopja) fl-1974; it-Testment il-Ġdid kollu (10,000 kopja) fl-1975, u *reprint* tiegħu (15,000 kopja) kienet ippublikata mill-Klabb Kotba Maltin fl-1977.

Il-Bibbja sħiħa, bil-kotba dewterokanoniċi inklużi, ħarġet fit-23 ta' Novembru 1984, u l-ewwel kopja kienet preżentata lill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca. Fis-26 ta' Frar 1986, kopja oħra kienet preżentata lill-Papa Ġwanni Pawlu II minn Mons. Prof. Karm Sant innifsu. Ir-reazzjoni tal-poplu kienet immedjata: 15,000 kopja nbiegħu fi ftit ġimgħat, rekord assolut għal kwalunkwe pubblikazzjoni bil-Malti. Il-bejgħ ta' din il-Bibbja għadu sejjer lokalment u barra kulfejn hemm emigranti Maltin.

## Il-frott ta' dan ix-xogħol

Il-Bibbja bdiet tinqara ħafna iktar u l-ewwel edizzjoni spiċċat fi ftit żmien. Saru edizzjonijiet oħra, erbgħa s'issa fl-1984, 1996, 2004, 2011, flimkien ma' *reprints* tar-Raba' Edizzjoni fl-2013 u fl-2015. Irridu ngħidu li l-edizzjonijiet tal-2004 u 2011 (u r-*reprints*) huma edizzjonijiet interkonfessjonali. Biex dan ix-xogħol ta' reviżjoni jibqa' jsir ġiet imwaqqfa Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Bibbja. Tiltaqa' minn żmien għal żmien biex tistudja t-test fejn f'xi każi mhux ċar jew hemm xi żbalji jew xi wħud jiġbdu l-attenzjoni għalihom, jittieħdu deċiżjonijiet studjati u jinbidel jew jinżamm it-test skont il-każ.

## Inizjattivi oħra tal-Għaqda Biblika biex ixxerred il-Bibbja

Ħarġu wkoll edizzjonijiet tat-Testment il-Ġdid biss f'format iktar attraenti għaż-żgħażagħ, u żewġ edizzjonijiet oħra (2005; 2013) b'siltiet mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid għat-tfal bl-isem ta' *L-Ewwel Bibbja Tiegħi*, li rnexxiet ħafna. Saret edizzjoni tal-Bibbja fuq CD-ROM, u t-test tat-Testment il-Ġdid fuq diski kumpatti moqri b'mod professjonali. L-Għaqda Biblika ħarġet ukoll sett ta' kummentarji mhux tqal għal kull ktieb tat-Testment il-Ġdid.

Żewġ inizjattivi oħra li taw sodisfazzjon kbir li min ħadem fuqhom: l-ewwel waħda hija l-Bibbja bil-Malti bil-Braille għal dawk nieqsa mid-dawl. Bl-għajnuna tal-United Bible Societies it-test tal-Bibbja bil-Malti nqaleb għall-Braille. Is-Sur Charles Borg mill-Kummissjoni Persuni b'Diżabiltà, flimkien mal-awtur preżenti, editjaw it-test kollu tal-Bibbja bil-Malti, biċċa xogħol li ħadet 'il fuq minn tliet snin ta' paċenzja kbira. Il-Bibbja kollha bil-Braille ħarġet f'Novembru 2005. Kien pjaċir kbir għalina li fl-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, it-Tieni Lezzjoni nqrat mill-Braille minn persuna nieqsa mid-dawl, u mbagħad fil-Velja lejlet l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, inqara test ieħor bil-Braille.

Inizjattiva oħra saret bil-ħidma tal-Proġett tar-Riċerka fuq il-Lingwa tas-Sinjali bil-Malti tal-Università ta' Malta, mid-Dipartiment tal-Lingwistika, bil-ħidma ta' Prof. Marie Alexander u s-Sinjura Marija Galea, flimkien mal-awtur preżenti għall-Fakultà tat-Teoloġija. Il-proġett kien jikkonsisti li naqilbu r-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù għal-Lingwa tas-Sinjali, għal dawk neqsin mis-smigħ. Il-Proġett kien inbeda f'April tal-2008 u mbagħad ġie inawgurat fuq DVD f'Diċembru 2009.

## U biex tgħin lill-poplu jifhimha u jsir iħobbha iktar?

Barra sussidji u materjali bħal dawn, l-Għaqda Biblika wkoll tieħu ħsieb li tgħallem u tifforma lill-poplu Malti fil-qari, fit-tifsira u fl-imħabba għall-Bibbja. Il-publikazzjoni tal-Għaqda, ir-Rivista *Sijon*, turi sa mill-ewwel edizzjonijiet tagħha inizjattivi importanti li dejjem ħadet għal dan il-għan. Ngħidu aħna kienu jsiru seminars bibliċi, ġimgħat bibliċi, kwizis għat-tfal u ż-żgħażagħ. Għadha sa llum torganizza korsijiet qosra fis-sede tagħha fil-Furjana, fl-Istitut għall-Kultura Biblika, fi Triq il-Miratur, il-Furjana. L-Istitut infetaħ minn Dun Anton Abela, President tal-Għaqda Biblika u mbierek minn Mons. Arċisqof

Ġużeppi Mercieca nhar il-Ħadd, 30 ta' Ottubru 2005. L-Għaqda waqqfet gruppi msejħa l-Gruppi EBDA (Edukazzjoni Biblika Dejjiema għall-Adulti) li f'xi parroċċi għadhom jiltaqgħu u qed iħallu ħafna ġid. Torganizza wkoll Jum il-Bibbja fuq livell nazzjonali, u laqgħat Bibliċi ekumeniċi.

## Għeluq

Ittieħdu diversi inizjattivi biex il-Bibbja tkun magħrufa aktar mill-Poplu Malti mill-promulgazzjoni tal-Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina Dei Verbum. Dawn l-inizjattivi għenu biex il-Bibbja ssib ruħha fil-qalb tal-insara, biex il-Kelma ta' Alla ssir it-talba ta' min jaqraha, biex tkun tista' ssir riflessjoni aktar skont ir-rieda ta' Alla fil-Knisja f'Malta, biex iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jkunu jistgħu jsiru tassew festa tal-komunità li temmen u tiċċelebra. Dan kollu seta' jseħħ billi l-qalb tal-Konċilju Vatikan II tinstema' tħabbat sewwa fil-qalb tal-Knisja tal-Poplu Malti minn wara l-Konċilju sa llum, taħt it-tmexxija tar-Ragħaj spiritwali, Mons. Arċisqof Emeritu Ġużeppi Mercieca.